# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru: 219/15 DMA**

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Malena Michele**
**(ID. 49878A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Marzu, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u ghoxrin Ewro u ghaxar centezmi (€528.10) in konnessjoni ‚a' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40169178).

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz tal-ittra ufficjali 747/14, u bl-imghaxijiet legali sa mit-30 ta' April, 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqasipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Charmaine Wilfer ghas-socjeta' attrici li ‘kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta' hames mija u tmienja u ghoxrin Ewro u ghaxar centezmi (€528.10) ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' hames mija u tmienja u ghoxrin Ewro u ghaxar centezmi (€528.10) bl-imghax legali sa mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz tal-ittra ufficjali 747/14, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**